MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-20 ta' April, 2009

Numru. 177/2007

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
Kevin Mamo, iben Salvu, imwieled Pieta' fit-13 ta' Frar, 1979

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –

1. talli fl-1 ta' Jannar, 2007, fil-waqt li kien xogħol ġewwa Loreto Ward ta' l-Isptar San Vincenz De Paule, bħala impjegat pubbliku jew bħala persuna oħra li qed taġixxi f'kapaċita' uffiċjali, xjentement infliġġa fuq il-persuna anzjana ta' Gejtano Mifsud uġieh jew tbagħtija gravi sew fizika jew mentali;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, bħala mpjegat pubbliku jew bħala persuna oħra li qed taġixxi

f'kapaċita' uffiċjali, għamel reat li kellu jissorvelja li ma jsirx jew minħabba l-kariga tiegħu kien fid-dmir tiegħu li jimpedixxi milli jsiru tali reati;
3. talli fl-1 ta' Jannar, 2007 fil-waqt li kien xogħol ġewwa l-Loreto Ward fl-Isptar San Vincenz De Paule, volontarjament ikkawża ġrieħi ta' natura ħafifa skond kif iċċertifikat minn Dr. M. Abela M.D. fuq il-persuna tal-pazjent anzjan Gejtano Mifsud, liema persuna għandha iktar minn sittin sena u liema persuna tbagħti minn mard tal-ġisem jew tal-moħħ fi grad li minħabba tali marda ma tistax tiddefendi ruħha sew;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi dejjaqt, tajt fastidju jew iddeħikt b'nixes xjuħ, magħtubin, mifluġin jew immankati;
5. talli sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta liema sentenza saret definittiva.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-ppiena skond il-Liġi tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-3 ta' Ottubru, 2007 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtij jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
fl-artikoli 139A, 141, 221, 222A, 339(1)(n), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2007 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Gaeteno Mifsud, raġel ta' tmienja u sebgħin (78) sena, fil-ġurnata tal-inċident, kien rikoverat l-Ispatar San Vincenz de Paule u kien ilu rikoverat hemhekk għal dawn l-aħħar sitt snin minn meta nqala' l-każ. Hu kien ibagħti minn kondizzjoni ta' dementia akuta u kellu mobilita' limitata, tant li kellhu jkun megħjun biex jimxi xi ftit iżda 'l biċċa kbira tal-ħin kien iqattagħha bejn is-sodda u fuq il-'wheelchair'. Hu kien rikoverat fil-Loreto Ward ta' dan l-isptar.

Illi ġara li fl-1 ta' jannar, 2007 mart l-imsemmi pazjent marret tarah l-isptar għal habta tat-3.00 p.m. Meta marret sabet lil żewġha fuq il-'wheelchair'. Hu kien jagħraf lil tal-familja iżda ma kienx jitkellem ħlief għal xi żewġ kelmiet. Għal habta tas-6.00 p.m. Anna Mifsud, martu, indunat li fuq wiċċu kellu xi marki ta' id. Dawn il-marki ġew fotografati u ir-ritratti eżebiti juru dan biċ-ċar.

Illi l-pazjent ġie eżaminat mit-tabiba li kkonfermat li Gaetano Mifsud kellu marki fuq wiċċu u li ġew ċertifikati bħala feriti ta' natura ħafifa.

Illi Anna Mifsud għarrfet lill-amministrazzjoni tal-isptar b'dan il-fatt hekk kif indunat. L-amministratur ta' l-isptar meta ra dan il-każ ħass li dan il-każ ma kienx jistħoqq inkjesta nterna u għalhekk taw il-każ f'idejn il-pulizija.

Illi l-pulizija kellmet lin-nurses u nies oħra li dak in-nhar kien qed jaħdmu fil-Loreto Ward. Illi mix-xhieda prodotti rrizulta li l-imputat fil-ħin li hu u Joseph Cassar, nurse, kien qed itellgħuh mill-'wheelchair' għal fuq is-sodda miss il-wiċċ tal-pazjent proprju fejn sviluppaw il-marki li jidhru ċari mir-ritratti eżebiti. Joseph Cassar xehed li l-imputat kien jiċċajta mal-pazjenti u fil-prezenza tiegħu qatt ma weġġa lil xi ħadd.

Illi l-imputat offra x-xhieda tiegħu. Minnha jirrizulta li hu mpjegat bħala 'care worker'. Hu ċaħad kategorikament li hu sawwat lill-pazjent. Hu kkonferma l-istqarrija tiegħu li hu rrilaxxa fit-2 ta' marzu, 2007. F'din l-istqarrija hu jammetti li ta daqqa fuq għonq Gaetano Mifsud iżda

kemm iċċajta miegħu.  Mhemmx dubju li dik id-daqqa ħalliet il-marki fuq għonq u wiċċ il-pazjent.

Illi l-imputat hu akkużat b'diversi akkużi li kollha jirrekjedu bħala element essenzjali li l-imputat xjentement kien qed jagħmel dawn il-feriti.  Mill-provi prodotti, kif ukoll mix-xhieda ta' l-imputat, minn imkien ma jirrizulta li l-imputat kellu xi problema mal-pazjent u għalhekk ried jagħmillu xi forma ta' ħsara jew moħqrija.  Fil-fehma ta' din il-Qorti l-element tal-volontarjeta' u ta' l-intenzjoni huma għal kollox nieqsa.  Wisq anqas tirrizulta r-raba' akkuża miġjuba kontra l-imputat li hi ta' natura kontravenzjonali.  Mhemmx dubju li din mhiex xi forma ta' ċajt li wieħed juża fil-konfront ta' pazjenti anzjani iżda li tgħid li dik l-azzjoni hi azzjoni kriminali, allura jridu jkunu preżenti l-elementi kollha tar-reat askritt lill-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------